# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


***Minuti tas-6 laqgħa tas-Seba' Kunsill Lokali li nżammet fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tnejn, 6 ta' Lulju 2015 fis-6:15 p.m.***

| ***Preżenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| **Sindku** | Giljan Aquilina |
| **Viċi Sindku** | Mario Gauci |
| **Kunsillieri** | Christopher Fenech |
| | Carl Grech |
| | Mark Azzopardi |
| **Aġent Segretarju Eżekuttiv** | Kurt Guillaumier |
| **Skużati** | |
| **Ambaxxatriċi Żagħżugħa** | Rebecca Chircop |

**06/01** **Talba**

**06/01/01** Il-laqgħa bdiet fis-6.15 p.m. billi ntqalet it-talba. L-Ambaxxatriċi Żagħżugħa Rebecca Chircop ġiet skużata.

**06/02** **Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Nru 5**

**06/02/01** Kien hemm korrezzjoni waħda. Fil-paragrafu 05/05/07 għandha titneħħa l-kelma "Soreda" u minflok tinbidel għal "Santana". Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-Minuti b'din il-korrezzjoni.

**06/03** **Punti mtella' mill-Minuti 5**

**06/03/01** **Para 05/01/01:** Ġie deċiż li tinħareġ sejħa għall-Ambaxxatur taż-Żgħażagħ ġdid peress li dik preżenti qabżet l-età ta' 18-il sena.

**06/03/02** **Para 05/03/02:** Ġie deċiż li tintbagħat ittra lil TM biex jintalab parir dwar it-tabella li ghandha titwahhal fi Triq l-Oratorju kantuniera mal-Pjazza u jekk din ghandhix tkun 'Black Spot'. Rigward it-talba biex ikun jista jsir ipparjkar ta' vetturi fuq iz-zewg nahat ta' Triq l-Oratorju s-Sindku qal li din ma gietx diskussa fil-laqgha li saret mal-Ministru J. Mizzi. Kien hemm qbil ukoll li tintalab għal-laqgħa mal-Perit Audrey Testaferrata De Noto, Uffiċjal fit-TM sabiex ingibu decizjoni dwar din.

**06/03/03** **Para 05/03/03**: L-Agent S.E. informa li rigward is-sejhiet ghall-offerti ghad irid jinkiseb il-permess tal-*Green Procurement Department*.

**06/03/04** **Para 05/03/04:** Il-Kunsill innota li tħallas il-kont pendenti li kien hemm mal-KMS.

**06/03/05** **Para 05/03/10:** L-Agent S.E. informa li ghad trid tintbaghat risposta ghall-informazzjoni mitluba minn TM sabiex tinghalaq parti minn Triq Ghaxqet l-Ghajn.

Is-Sur Mark Azzopardi skuza ruhu mill-laqgha fi 6:45pm.

**06/03/06** **Para 05/05/02:** Ghad irid jinzebagh mill-gdid il-line abjad ta' Triq San Gwann.

KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162
Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626
Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt

**06/03/07** **Para 05/05/08:** Is-Sindku informa li ghad irid ikellem lill-Ispettur tal-Pulizija dwar aktar infurzar fir-rahal peress li din qeda bil-*vacation leave*.

**06/03/08** **Para 05/05/09**: Ghad trid tinkiteb l-ittra lil TM dwar Triq Dun Karm Vella.

**06/03/09** **Para 05/06/04:** L-Agent S.E. informa li ghad inridu niktbu lid-Dipt tal-Artijiet dwar l-akkwist tal-art fil-Gharghur.

**06/03/10** **Para 05/07/05:** L-Agent S.E. informa li ghad irid isegwi mal-kuntratturi u l-Pulizija dwar abbuzi fil-permessi tal-cranes u l-bini ta' boundary walls fuq art pubblika.

**06/03/11** **Para 05/07/06:** L-Agent S.E. informa li ghad irid isegwi mall-Accountant il-Quarterly Financial Report. Ser jiehu hsieb ukoll li fuq il-websites tal-Kunsill jittellghu l-Audited accounts ghas-sena 2014 u l-Minuti li huma nieqsa.

**06/04** **Approvazzjoni ta' Pagamenti**

**06/04/01** L-Aġent SE ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti pendenti / imħallsa li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-Uffiċċju tal-Kunsill sad-data ta' meta kienet ġiet ippubblikata l-*Agenda.* Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-pagamenti.

**06/05** **Ilmenti u Suġġerimenti**

**06/05/01** 18115060231148 Talba biex ma jithallix li isir ipparkjar ta' vetturi faccata ta' garage fi Triq Excelsior. Kien hemm qbil unanimu li din it-talba ma tintlaqax.

**06/05/02** 18115051231170 Talba biex isiru żewġ traffic humps oħra fi Triq Caravaggio. Ġie deċiż li dawn ma jsirux u lanqas ma jinbidlu dawk li hemm.

**06/05/03** Ilment li qed ikun hemm min joħroġ il-borza tal-iskart mhux f'ħinu. Ġie deċiż li tintbagħat ittra lir-residenti tat-toroq Caravaggio, Emanuel Perren u Indipendenza.

**06/05/04** Talba biex titwahhal bozza ohra fi Triq Caravaggio. Gie innutat li fil-passat l-Enemalta kienu irrifjutaw din it-talba ghaliex skont huma hemm bizzejjed dawl Gie deċiż li terga ssir talba għall-bozza ġdida f'dan is-sit.

**06/05/05** Ġiet innutata ħsara fil-crash barrier u anke fil-bankina fi Triq S Zerafa. Għandha tintalab stima sabiex tissewwa din il-ħsara.

**06/05/06** Kien hemm diskussjoni fuq problema tal-ilma li allegatament ikun hemm fi Sqaq Sofia meta taghmel ix-xita. Ġie deċiż li tintalab stima għal kulvert żgħir kif ukoll inkellmu lid-Dipt tax-Xogholijiet sabiex isir dan ix-xoghol.

**06/06** ***Korrispondenza***

**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**06/06/01** Ġiet innutata risposta minn TM biex nipprovdu ritratti u pjanta għall-post fejn tlabna li jitwaħħlu *removable bollards*.

**06/06/02** Ġiet innutata korrispondenza minn DLG rigward aġġornamenti tal-laqgħat tal-Kunsill Memo 15/2015.

**06/06/03** Ġiet innutata approvazzjoni mid-DLG biex tiġi estiża t-tender tal-knis tal-Kunsill.

**06/06/04** Kien hemm diskussjoni fuq korrispondenza minn resident rigward parkeġġ fuq żewġ naħat tat-Triq l-Oratorju. Il-Kunsill unanimament qabel li skont il-ligi ma ghandux isir ipparkjar ta' vetturi fil-kantunieri.

**06/06/05** Kien hemm diskussjoni fuq talba biex jinqata' l-ħaxix ħażin fi Triq Santa Marija taż-Żellieqa. Dan għandu jsir meta jintgħażel il-kuntrattur.

**06/06/06** Ġie innutat li qed jintrama crane minghajr permess fi Sqaq Fidel Zarb. Għandhom jiġu nfurmati l-Pulizija.

**06/06/07** Il-Kunsill innota korrispondenza mid-Direttur Generali tal-WD rigward xogħol pendenti fil-Għargħur. Għandu jsir follow up fuq dan.

**06/06/08** Ġiet innutata Memo 13/2015 Proġetti varati mill-Kunsilli Lokali. Ser tintbaghat risposta.

**06/06/09** Stima biex tinbena bankina fi Triq Mons Luigi Catania. Kien hemm qbil li tigi accettata din l-istima. Il-bankina ma ghandix tkun wiesgha halli ma jintilifx parking.

**06/07 Materji oħra u Mistoqsijiet**

**06/07/01** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li hu kellu laqgħa mal-Uffiċjali tal-Mac Donalds. Dawn lesti li joffru ghajnuna sabiex jitnaddfu it-toroq vicin l-istabbilment taghhom kif ukoll f'xi zoni ohra. Intalbu kwotazzjonijiet għal tindif u għandha terġa' ssir laqgħa oħra mal-Mac Donalds. Dawn lesti wkoll jiffinanzjaw ix-xiri ta' litter bins.

**06/07/02** Is-Sindku informa li persuna kien ghamlet offerta' sabiex tuza s-Searchlight Battery bhala restaurant jew coffee shop. Ġie deċiż li din il-proposta ma tintlaqax halli l-post jibqa jitgawda mir-residenti Gharghurin. Is-Sur Christopher Fenech issuggerixxa li tintalab laqgha mas-Segretarju Parlamentari s-Sur Ian Borg rigward fondi biex din tigi rrestawrata. Kien hemm qbil.

**06/07/03** Ġiet diskussa proposta mill-privat biex jinbiegħ apparat mill-ufficcju tal-Kunsill li jnaqqas il-konsum tal-ilma. Għandha ssir talba lid-Direttur DLG halli naraw jekk jistax isir dan il-bejgh skont ir-regolamenti tal-Kunsilli Lokali.

**06/07/04** Is-Sindku nforma lill-Kunsill bil-laqgħa li saret filgħodu mal-Ministru Joe Mizzi. F'din il-laqgħa, fost affarjiet oħra ġiet diskussa l-problema ta' Triq il-Ġnien fejn hija dejqa biex jgħaddu żewġ karrozzi, il-problema ta' parkeġġ fil-lokal u dwar fondi għal toroq rurali. Saret laqgħa wkoll mal-uffiċjal tal-Ministeru, is-Sur Robert Buhagiar, fuq xogħlijiet pendenti specjalment il-bini tar-*retaining wall* li waqa f'Novembru 2014 f'Wied id-Dis u l-bini tal-culvert fi Triq San Gwann. Rigward it-twessigh ta' Triq il-Gnien il-Ministru rrefera lill-Kunsill ghal Dipartimenti ohra filwaqt li ma qabilx ma' *Traffic Lights*. Transport Malta ma taqbilx li Triq Santa Katerina ssir two-way. Rigward il-problema tat-traffiku informa li bhalissa l-parking schemes huma sospizi.

**06/07/05** Is-Sindku ppropona attività ta' Boat Party li se jiġi organizzat mis-Sotto Kumitat Żgħażagħ. Kien hemm qbil fuq dan. Saret diskussjoni wkoll fuq il-budget tal-istess Sotto Kumitat.

**06/07/06** Is-Sur Carl Grech informa lill-Kunsill bil-Buffet Breakfast li għandu jsir fl-14 ta' Lulju kif ukoll bil-laqgħa follow up li għandha jsir mal-LEAP. Hu ppropona li jsiru żewġ marki SLOW fi Triq Stiefnu Zerafa minhabba sewqan b'velocità eċċessiva. Kien hemm qbil fuq dan.

**06/07/07** Is-Sur Christopher Fenech ippropona li jinbidlu erba' tabelli. Dawn huma, (Give Way) fi Triq Stiefnu Zerafa, (Stop) fi Triq Dun Karm Fenech, (Round About ahead) fi Triq Caravaggio u (Hump) fi Triq il-Ġnien. Kien hemm qbil fuq dawn. Hu ppropona wkoll tiċċaqlaq plakka ta' isem tat-triq minn tarf ta' Triq l-Indipendenza għal tarf ieħor peress li hemm tnejn naħa wahda u xejn in-naħa l-oħra.

**06/07/08** Is-Sur Christopher Fenech informa lill-Kunsill bis-suċċess tal-attivitajiet organizzati fosthom iz-żjara fil-Parlament il-ġdid u l-Ħuġġieġa ta' San Ġwann. Hu rrimarka li sab ħafna ko-operazzjoni mill-għaqdiet lokali. Il-Kunsill awtorizza lilu biex jikteb f'isem il-Kunsill lil dawn l-għaqdiet biex jirringrazzjahom għall-għajnuna tagħhom.

**06/08** **Aġġornament**

**06/08/01** Il-laqgħa ġiet aġġornata fit-8.25 p.m. wara li l-*items* fuq l-*Agenda* ġew eżawriti u ġie unanimament deċiż li laqgħa oħra ssir nhar it-Tnejn, 20 ta' Lulju 2015 fil-5.00 p.m.

| | |
|---|---|
| **Giljan Aquilina** | **Kurt Guillaumier** |
| **Sindku** | **Aġent Segretarju Eżekuttiv** |